## Xandiriet LIVE ta' ċelebrazzjonijiet

**Il-Ħadd 29 ta' Marzu mill-4pm sas-6pm**
Via Sagra mill-għolja ta' Għammar ta' Pinu immexxija mill-Isqof t'Għawdex

**Il-Ġimgħa 3 t'April mill-5pm sat-8pm**
Quddiesa u Purċissjoni tad-Duluri minn Għajnsielem Għawdex - kummentarju Lelio Spiteri

**Il-Ħadd 5 t'April mill-10am sal-11.15am**
Ħadd il-Palm minn Ta' Pinu Għawdex

**Il-Ħamis 9 t'April mid-9am sal-11am**
Quddiesa tat-Tberik taż-Żjut mill-Kon Katidral ta' San Ġwann il-Belt

**Il-Ħamis 9 t'April mis-6.30pm sat-8pm**
Quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka minn ta' Pinu Għawdex

**Il-Ġimgħa 10 t'April mit-3pm sal-4.30pm**
Funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira minn ta' Pinu Għawdex

**Is-Sibt 11 t'April mid-9am sal-10am**
Is-Siegħa tal-Omm minn ta' Pinu Għawdex

**Is-Sibt 11 t' April mit-8.30pm sal-11pm**
Quddiesa tal-Vġili tal-Għid Imqaddes minn ta' Pinu Għawdex

**Il-Ħadd 12 t'April mill-10am sal-10.45am**
Quddiesa ta' Ħadd il-Għid minn ta' Pinu Għawdex


RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

**40, Triq San Vinċenz Ferreri, r-Rabat**
Indirizz postali: **Radju Marija,**
**PO Box 19, Rabat** RBT 1230

**Tel: 2145 3105** | **info.mal@radiomaria.org** | **www.radjumarija.org** | Radju Marija Malta


## Is-Sitt Kelliema tal-Eżerċizzi Spiritwali!


Fr Andrew Schembri


Fr Brendan Gatt


Fr Victor Paul Farrugia


Fr Ramon Farrugia


Bro Miguel Zammit


Fr Ivan Attard

**Matul il-ljiem tar-Randan**
Tingħad il-Via Sagra kuljum fis-6.00pm minnflok ir-Rużarju Mqaddes

**102.3FM/107.8FM**







**Fr. Antoine Borg**
Direttur ta' Radju Marija

# WASLET IS-SIEGĦA

Waqt li Ġesù kien qiegħed joqrob lejn Ġerusalemm fl-aħħar jiem tiegħu fuq l-art, talab lil Alla u fetaħ bil-kliem, "Missier waslet is-siegħa" (Ġw 17,1). Din is-siegħa kienet kollox, għax għalhekk ġie fuq l-art, biex jagħti ħajtu b'fidwa. Ġie għal din is-siegħa li kienu ilu jkellimna fuqha mir-raħal ta' Kana.

Ikunu dawn il-jiem tar-Randan fuq Radju Marija ta' għajnuna għalina biex ma naħarbux minn dak li Alla jrid minna biex inkunu nistgħu naslu għas-salvazzjoni. Huwa ġie għal din is-Siegħa wkoll bħala Sultan li għandu kontroll assolut fuq dak li qiegħed jiġri; isofri u jbati l-passjoni tiegħu għax hekk ried li jseħħ għax kull setgħa hi tiegħu. Ikun is-smigħ ta' spiss ta' dan l-istazzjon il-mezz biex jgħinna ningħataw kompletament lilu, u nħalluh imexxina bil-fidi, speċjalment fl-iktar żminijiet tqal, Hu li għandu kollox f'idejh.

Huwa ta lilu nnifsu għax ried hu li jagħti ħajtu u ħadd ma jeħodhielu jekk ma jridx hu (Ġw 10:18). Ġesù Kristu joffri ħajtu lil Alla l-Missier f'rabta ta' mħabba qaddisa u f'għotja għall-konverżjoni tal-midinbin. Għax din hi għotja kollha setgħa magħmula b'rieda ħielsa u b'imħabba divina, għalhekk hija wkoll rebbieħa għax dak li jidher li hu tellief għad-dinja, fil-mentalità u l-loġika spiritwali, fil-verità hija rebħa. Kunu magħna f'dak li noffrulkom għal matul dan iż-żmien speċjali biex tgħixu f'għaqda sħiħa ma' dak li ta ħajtu għalina.

Għeżież semmiegħa ta' Radju Marija din hi l-istedina tagħna għal matul dan ir-Randan, waqt li tisimgħu l-Eżerċizzi u programmi oħrajn għal matul dawn il-jiem nistednukom biex bit-talb li nxandrulkom tilqgħu dak li jiġri f'ħajjitkom b'mod ħieles, b'qalb kollha kuraġġ u fuq kollox b'imħabba u għotja totali lill-Mulej biex iseħħu konverżjonijiet permezz ta' dan l- istazzjon. Itfgħu l-ħarsa tagħkom fuq il-Verġni Marija Sidt ta' dan l-istazzjon biex ħafna jersqu lejn Binha, joħroġ ħafna frott mill-programmi tagħna u b'hekk ħadd ma jintilef.

Ibqgħu magħna f'dawn il-jiem biex kuljum ir-Randan ikun tassew qaddis sakemm nistennew il-jum tal-Għid.

Verġni Marija tad-Duluri. Itlob għalina

## DATI IMPORTANTI!

| | | | |
|---|---|---|---|
| 26 ta' Frar | Ras ir-Randan | 9 t'April | am - Funzjoni tat-Tberik taż-Żjut<br>pm - Funzjoni ta' Ħamis ix-Xirka |
| 20 ta' Marzu | Ir-Redentur | 10 t'April | Il-Ġimgħa l-Kbira |
| 3 t'April | Id-Duluri | 12 t'April | L-Għid il-Kbir |
| 6 t'April | Il-Ġimgħa Mqaddsa | | |

## EŻERĊIZZI SPIRITWALI

2 ta' Marzu sal-10 t'April - 6 kelliema differenti ta' Eżerċizzi Spiritwali.

### 2 - 6 ta' Marzu
@ 11am Fr Andrew Schembri
@ 5pm Fr Brendan Gatt
@ 11pm Fr Victor Paul Farrugia

### 9 - 13 ta' Marzu
@ 11am Fr Victor Paul Farrugia
@ 5pm Fr Andrew Schembri
@ 11pm Fr Brendan Gatt

### 16 - 20 ta' Marzu
@ 11am Fr Brendan Gatt
@ 5pm Fr Ramon Farrugia
@ 11pm Fr Andrew Schembri

### 23 - 27 ta' Marzu
@ 11am Fr Ramon Farrugia
@ 5pm Bro Miguel Zammit O.F.M. Cap.
@ 11pm Fr Ivan Attard

### 30 ta' Marzu - 3 t'April
@ 11am Fr Ivan Attard
@ 5pm Fr Ramon Farrugia O.F.M
@ 11pm Bro Miguel Zammit O.F.M. Cap.

### 6 - 10 t'April
@ 11am Bro Miguel Zammit O.F.M. Cap.
@ 5pm Fr Ivan Attard O.P.
@ 11pm Fr Ramon Farrugia